MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta tad-29 ta' Frar, 2012

Numru. 871/2006

Il-Pulizija
(Sp Marisa Camilleri)
vs
Etienne Mizzi, iben Michael, imwieled Pieta’ fl-10 ta’ Ġunju, 1978, Karta ta’ l-Identita numru 436678(M)

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputat:
1. talli fit-22 ta’ Lulju, 2006 għal ħabta tat-8.30 p.m. ġewwa Ħal-Qormi bil-ħsieb li jagħmel delitt u cioe’ li kkaġuna feriti ta’ natura gravi fuq il-persuni ta’ Alfred Mamo, Kevin Mamo, Maria Rosaria Mamo u Saviour Mamo, wera dan il-ħsieb b’atti esterni u ta bidu għall-esekuzzjoni tad-delitt meta fil-waqt li kellu il-kontroll u/jew kien qiegħed isuq il-vettura bin-numru tar-reġistrazzjoni FAE 542 saq fid-direzzjoni tal-imsemmija persuni, liema delitt ma ġiex esegwit minħabba xi ħaġa aċċidentali u indipendenti mill-volonta’ tiegħu;

2. talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi saq l-istess vettura, bin-numru tar-reġistrazzjoni FAE 542, mingħajr ma kienet koperta b'polza ta' assikurazzjoni dwar ir-riskji ta' terzi persuni, u mingħajr ma kellha liċenzja għat-triq u b'nuqqas ta' kont, bi traskuragni u b'mod perikoluz;
3. talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi volontarjament ikkaġuna feriti ta' natura ħafifa fuq il-persuna ta' Kevin Mamo, skont kif iċċertifika Dr. Joseph Galea tal-Floriana Health Centre;
4. talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi hedded bi kliem lil Alfred Mamo, Kevin Mamo, Maria Rosaria Mamo u Saviour Mamo u volontarjament kiser il-paċi pubblika b'għajjat u ġlied u qal kliem oxen u indeċenti li jikkonsisti f'dagħa fil-pubbliku;
5. talli fl-istess data tat-22 ta' Lulju, 2006 u/jew fil-ġranet ta' qabel din id-data għamel użu minn stallazzjoni, apparat, strument jew aċċessorji oħra, u cioe' telefon fiss u/jew telefon ċellulari għall-għanijiet oħra minbarra dawk li għalihom hu provdut meta ċempel lil Joanna Mamo u heddidha bi kliem u inġurjha;
6. talli fl-istess jum tat-22 ta' Lulju, 2006 u/jew ġranet qabel uża vjolenza, anki jekk verbali biss fil-konfront ta' l-istess Joanne Mamo;
7. talli fil-perjodu operattiv ta' sentenza ta' xahar priġunerija sospiza għal sena liema sentenza hi datata 19 ta' Diċembru, 2005 u sentenza ta' xahar priġunerija sospiza għal sena liema sentenza hi wkoll datata 19 ta' Diċembru, 2005, liema sentenzi saru definittivi u ma jistgħux jiġu mħassra, ikkometta reat punibbli bil-priġunerija;
8. talli kiser diversi garanziji mogħtija lilu taħt l-artikolu 383 tal-Kodiċi Kriminalimill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) liema garanziji huma datati rispettivament 14 ta' Novembru, 2005, 4 ta' Mejju, 2006 u 5 ta' Mejju, 2006;
9. talli sar reċidiv skont l-artikoli 49 u 50 tal-Kodiċi Kriminali u dan minħabba ż-żewġ sentenzi mogħtija fid-19 ta' Diċembru, 2005.

Il-Qorti ġiet mitluba li f'każ ta' ħtija tipprovdi għas-sigurta' tal-familja Mamo billi torbot lill-ħati b'obbligazzjoni taħt penali ta' somma flus li l-Qorti jidrilha xieraq.

Il-Qorti ġiet mitluba li toħroġ ordni ta’ protezzjoni u/jew ordni ta’ trattament fil-konfront ta’ Etienne Mizzi skont l-artikoli 412Ċ u 412D tal-Kodiċi Kriminali.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Semgħet il-provi.

Semgħet lill-prosekuzzjoni u lill-avukat ta’ l-imputat.

Ikkunsidrat,

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li fit-22 ta’ Lulju, 2006 kien hemm ġlieda fi Triq id-Deffin, Ħal-Qormi bejn il-familja Mamo u il-familja Mizzi iżda speċifikatament ma l-imputat.

Rat il-verbal tas-seduta tas-26 ta’ Mejju, 2009 fejn il-prosekuzzjoni nfurmat il-Qorti li s-sentenzi sospizi tad-19 ta’ Diċembru, 2005 ġew skontati mill-imputat u li ma hemm ebda prova dwar il-ħames akkuzi.

Rat ix-xhieda tat-8 ta’ Jannar, 2010 fejn il-‘parte civile’, il-familja Mamo, ħafret lill-imputat.

Rat il-verbal tas-seduta tad-29 ta’ Frar, 2012 fejn l-imputat ammetta l-ewwel,  it-tielet, ir-raba’, is-sitt, it-tmien u id-disa’ akkuża miġjuba kontra tiegħu.

Semgħet lill-prosekuzzjoni u lill-avukat ta’ l-imputat dwar il-piena.

Għaldaqstant,  ma ssibx lill-imputat ħati tat-tieni, tal-ħames u tas-seba’ akkuża miġjuba kontra tiegħu u għalhekk tilliberah mill-istess akkużi.  Tiddikjara l-proċediment eżawrit minħabba rinunzja tat-tielet, tar-raba’ għal dik il-parti li tirrigwarda t-theddid u tas-sitt akkuża miġjuba kontra tiegħu.  issibu ħati tal-ewwel, tar-raba’ dwar ksur tal-paċi pubblika u kliem oxxen, tat-tmien u tad-disa’ akkuża miġjuba kontra tiegħu.  Rat l-artikoli 49, 50, 41, 216, 338(m)(bb) u 387 tal-Kodiċi Kriminali u tikkundannah għal ħlas ta’ multa ta’ elf u mitejn euro

(€1,200). Fiċ-ċirkostanzi mhemmx lok għall-applikazzjoni tal-artikoli 383, 412Ċ u 412D tal-Kodiċi Kriminali.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------